MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Numru 12/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Walter John Cassar**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Walter John Cassar, fir-rigward tal-piena erogata fil-konfront tieghu permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-29 ta' Marzu 2007. L-imsemmi Cassar kien akkuzat b'assocjazzjoni ghall-fini ta' bejgh jew traffikar tal-pjanta *cannabis* (l-ewwel kap),

b'bejgh u traffikar fl-imsemmija pjanta (it-tieni kap), u b'pussess tal-pjanta *cannabis* bi ksur tal-ligi taht cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu (it-tielet kap). Fit-23 ta' Marzu 2007 l-Avukat Generali u l-akkuzat (permezz tad-difensuri tieghu) ippresentaw rikors kongunt quddiem il-Qorti Kriminali fit-termini ta' l-Artikolu 453A(1) tal-Kap. 9 li permezz tieghu talbu li tigi inflitta piena ta' seba' snin prigunerija u multa ta' Lm7,000, oltre sanzjonijiet u konsegwenzi ohra. F'dan ir-rikors inghad li r-rikorrenti kienu qed jiddikjaraw u kienu wkoll ser jippruvaw li f'dan il-kaz kellu japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101. B'digriet moghti kameralment fis-26 ta' Marzu 2007, il-Qorti Kriminali, in forza tas-setgha moghtija lilha bis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi Artikolu 453A, cahdet din it-talba. Id-digriet jghid testwalment hekk: *"Rat ir-rikors; Peress li f'dan l-istadju ma tistax taccetta t-talba; Tichad l-istess pero` tirrizerva li tikkonsidra talba ohra li tkun tirrispekkja ajhar il-gravita` tar-reat fid-dawl ta' sentenzi ohra moghtija recentement."* Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2007 l-imsemmi Walter John Cassar ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu quddiem il-Qorti Kriminali, u baqa' jippersisti f'din l-ammissjoni anke wara li gie debitament imwissi u nghata zmien kif provvdut fl-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9. Wara li dik il-Qorti ddikjaratu hati skond l-imsemmija tliett kapi tal-att ta' akkuza, hija ghaddiet biex tat is-segwenti sentenza:

**"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata seduta stante mid-difiza;**

**"Semghet ix-xiehda tal-hati, tas-Supratendent Neil Harrison, Aaron Rizzo, Julian Sammut u ta' Chris Cassar, missier l-hati, ghall-fini tal-piena.**

**"Qieset is-sotttomissjonijiet <u>kollha</u> tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti :-**

**"Li r-reati kienu gew kommessi fi zmien meta l–appellant kellu diversi disfatti fil-karriera tieghu bhala**

***caterer* li hu kien ittrejnja ghaliha w ottjena kwalifiki biex ikun jista' jahdem fiha;**

**"Li l-hati kien gie influwenzat hazin minn persuna ta' eta' ferm akbar minnu u li hu kien ihares lejha b'certu rispett u ammirazzjoni, biex jimbarka fuq din l-attivita` illegali;**

**"Li dan l-izball kien gie kommess f'okkazzjoni wahda;**

**"Li kif xehdu diversi xhieda, l-hati kien irriforma, ghandu professjoni ta' restauranteur, kien ta' *support* ghal missieru wara t-telfa recenti ta' ommu b'marda qerrieda w llum kien cittadin midbul;**

**"Li hu kien irregistra ammissjoni bikrija;**

**"Li l-Prosekuzzjoni kienet iddikjarat li hu kien ikkoopera mal-Pulizija u li ghalhekk hu kellu jibbenfika mill-artikolu 29 tal-Kap.101 bi tnaqqis fil-piena b'zewg gradi;**

**"Li l-hsara li kienet ser issir lis-socjeta` f'dan il-kaz ma saritx ghax twaqqfet hesrem bl-intervent tempestiv tal-Pulizija w li bil-ko-operazzjoni tal-hati giet evitata hsara futura bil-qbid ta' madwar ghoxrin kilogramma cannabis li gew misjuba mill-Pulizija ghand persuna ohra;**

**"Li ghalkemm veru l-hati kien tgerfex f'zoghzightu, illum kien immatura;**

**"Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur, Dr. Stephen Tonna Lowell, li qal li l-Avukat Generali, meta jkun ghamel l-ghazla lilu kompetenti bil-ligi li l-kaz jitressaq quddiem din il-Qorti, ikun qies biss, f'dak l-istadju, l-gravita` tar-reat, minghajr ma joqghod iqis xi attenwanti li jistghu jirrizultaw. Issa pero` il-Prosekuzzjoni kienet konvinta li f'dan il-kaz il-hati kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu tieghu. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet**

**ghamlet ir-rikors konguntiv tat-23 ta' Marzu, 2007 anki fid-dawl ta' sentenzi ohra erogati minn din il-Qorti.** [1]

**"Ikkonsidrat:**

**"Illi ghalkemm il-piena karcerarja ghar-reati ammessi mill-hati hija dik ta' prigunerija ghall-ghomor, skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, il-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba' snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.**

**"Illi inoltre r-reati ndikat fl-Ewwel u t-Tielet Kapi tal-Att ta' l-Akkuza w cioe` dawk ta' assoccjazzjoni w pussess f'cirkostanzi tali li jindikaw li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati rispettivament, ghall-fini tal-piena, ghandhom jigu assorbiti fir-reati taht it-Tieni kap ta' l-att ta' l-akkuza w cioe` dak ta' traffikar, billi servew biex seta' jigi kommess dan l-**

[1] Illi f'dan il-kaz partikolari pero`, fejn l-aktar attenwanti ta' sustanza kienet u ghadha l-applikabilita` tal-artikolu 29 tal-Kap.101, suppost li kien maghruf *ab initio* kemm ghall-ufficjali prosekuturi (kif issa din il-Qorti saret taf) kif ukoll ghall-Avukat Generali li kien hemm cirkostanzi li kienu jimmilitaw favur l-applikazzjoni ta' din l-attenwanti w ghalhekk ma kien hemm xejn xi izomm li mill-bidu nett l-Avukat Generali jordna li l-kaz jinstema' mill-Qrati tal-Magistrati mill-ewwel u b' hekk kienu jigu evitati atti inutili, trapass ta' zmien, tahrik ta' xhieda u spejjez amministrattivi konnessi ma' process quddiem din il-Qorti. Setghet ukoll saret kontro-ordni anki wara l-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza. Una volta pero` il-kaz jitressaq quddiem din il-Qorti, din il-Qorti trid umbaghad tikkalibra l-piena anki b'riferenza ghal sentenzi ohra taghha in materia, biex ghall-inqas izzomm certa uniformita` in relazzjoni mall-gravita` tal-kaz li l-istess Avukat Generali ikun intravveda meta jkun ghamel l-ghazla tieghu kif ukoll ma sentenzi ohra ta' din il-Qorti. (ara: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Fabian Galea u Michael Zahra** [17.2.2003]; **Ir-Repubblika ta Malta vs. Ibrahim Elhamshi Elghaoud et** [21.10.2003]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Bartolo et** [15.7.2004]; u ohrajn fejn, ghalkemm id-droga ma kienetx *cannabis*, xorta wahda gew stabbiliti certi parametri ta' piena f'kazi ta' ammissjoni u fejn kien applikabli l-art. 29 tal-Kap.101.)

**ahhar reat skond l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**“Din il-Qorti, qieset il-fatturi kollha rilevanti ghall-erogazzjoni tal-piena, fil-gamma esageratament vasta li l-legislatur halla f’idejn il-Qrati f’din il-materja, komprizi l-ammont tad-droga, l-eta` tal-hati, l-ammissjoni bikrija w l-fedina penali precedenti tal-hati w c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, u partikolarment li <u>issa</u> – wara li semghet ix-xiehda tal-akkuzat u tas-Supretendent Neil Harrison - hija sodisfatta li l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 hija decizament indikata, haga li pero` ma kienet xejn cara w evidenti ghall-Qorti mill-provi li ngabu fil-kumpilazzjoni, u partikolarment l-istqarrija tal-hati.**

**“Mill-banda l-ohra Il-Qorti ma tistax ukoll tinjora l-gravita` tar-reat *per se* (haga li qies ukoll l-Avukat Generali meta hass li kellu jintavola Att ta’ Akkuza f’dan il-kaz - kif stqarr l-abbli prosekutur). Kieku ma kienx ghall-intervent effikaci w tempestiv tal-Pulizija mmexxija mis-Supretendent Neil Harrison u l-Ispettur Nezren Grixti, li b’dedikazzjoni u efficjenza liema bhala investigaw il-kaz, l-agir tal-hati kien ser iwassal biex tkompli tinxtered fost is-socjeta` kwantita` konsiderevoli ta’ droga *cannabis*.**

**“Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-artikoli 17 (h), 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Walter-John Cassar ghall-piena ta’ tmin (8) snin prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati hawn minnu ammessi - u ghall-multa ta’ tmint elf lira Maltin (LM8,000) li jekk ma tithallasx fi zmien hmistax-il jum mill-lum jigu konvertiti minnufih u awtomatikament fi tnax (12) il-xahar prigunerija skond il-ligi vigenti w applikabbli, kif ukoll tikkundannah ihallas is-somma ta’ sitt mija w seba’ w**

**erbghin lira Maltin, u hamsa w erbghin centezmu (LM647.45c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali w tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;**

**"Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota[1] - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali u lill-hati."**

**2.** B'rikors presentat fid-19 ta' April 2007, l-imsemmi Cassar appella minn din is-sentenza. L-appell gie trattat fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2007.

**3.** L-aggravji ta' l-appellant jistghu jigu sintetizzati hekk:

**i.** L-ewwel Qorti, ghalkemm kellha kull dritt li ma tilqax it-talba kongunta maghmula lilha mill-partijiet, malament irrespingiet dik it-talba ghax effettivament fil-korp tas-sentenza ma nghad xejn partikolari li kien jiggustifika d-differenza fil-piena minn dik mitluba ghal dik erogata;
**ii.** L-ewwel Qorti kellha, minbarra li tnaqqas mill-piena karcerarja l-periodu tal-arrest preventiv, tnaqqas ukoll il-periodu li l-appellant ghamel taht l-hekk imsejjah "house arrest";

[1] Effettivament l-Avukat Generali, permezz ta' nota ppresentata quddiem il-Qorti Kriminali fit-3 ta' April 2007, indika li d-droga ezibita hija mehtiega in konnessjoni ma' proceduri kriminali kontra terzi persuni, u li ghalhekk ma kienx il-kaz li tigi ghalissa distrutta.

**iii.** Li l-piena pekunjarja ghandha tkun tista' tithallas "sa mhux aktar tard mill-periodu li fih l-esponenti idum karcerat in linea ma' din is-sentenza"; u
**iv.** Li l-ispejjez peritali ma kellhomx jigu kollha akkollati lilu.

**4.** Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tikkonfessa xi ftit ta' perplessita` fir-rigward tas-sentenza appellata ghal dik li hija l-piena ta' prigunerija erogata kif ukoll il-multa ta' tmint elef lira. Dan qed jinghad ghax kieku l-ewwel Qorti dehrilha li hawn kellha tinghata piena ferm oghla minn dik mitluba fir-rikors kongunt – ad ezempju, ghaxar snin jew hdax-il sena – wiehed kien forsi jista' jifhem ir-rifjut tat-talba maghmula skond l-Artikolu 543A. Pero` kullma ghamlet l-ewwel Qorti kien li ziedet sena (prigunerija) u ziedet elf lira ghal dik li hi l-multa. Ma hemm xejn fis-sentenza appellata li oggettivament jiggustifika din il-varjazzjoni. Anzi fis-sentenza appellata hemm konferma proprju ta' dak li l-partijiet, fir-rikors kongunt, kienu qalu li ser jippruvaw, u cioe` l-applikabilita` tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101. Huwa veru li din il-Qorti mhux soltu li tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti meta din tkun entro l-parametri tal-ligi; f'dan il-kaz partikolari, pero`, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tintervjeni u tapplika l-piena pattwita bejn l-Avukat Generali u l-akkuzat, piena li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kienet wahda gusta.

**5.** Kwantu ghat-tieni aggravju, l-appellant m'ghandux ragun. L-arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza ta' prigunerija – qabel kienet fakoltattiva ghall-Qorti, illum, wara l-emenda introdotta fl-2002, tali tnaqqis huwa awtomatiku u ma hemmx ghalfejn li l-Qorti toqghod tippronunzja ruhha dwaru – in virtu` ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 22 tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jitkellem kjarament dwar *"…kull zmien qabel id-dikjarazzjoni ta' htija li tulu l-ikkundannat ikun inzamm <u>fil-habs</u> ghar-reat jew reati li tieghu jew taghhom huwa jkun gie hekk misjub hati u kundannat…"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-kaz ta' l-appellant, wara li huwa kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni, fost ohrajn, li jibqa' jirrisjedi d-dar u ma johrogx hlief ghal certi skopijiet ristretti, hu certament ma baqax <u>mizmum il-habs</u>. L-hekk imsejjah "house arrest" ma

hu xejn ghajr kondizzjoni, li l-imputat jew akkuzat jaccetta li joqghod ghaliha, li tirrestringi, iva, il-movimenti tieghu -- bhalma jigri fil-kaz tal-hinijiet tar-rinkazar -- izda ma hix arrest f'post ta' detenzjoni skond il-ligi. Tali "house arrest" jista' koncepibbilment jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' disposizzjonijiet ohra ta' ligi – ad ezempju, id-dewmien fil-proceduri – izda certament ma jistax jitnaqqas taht l-Artikolu 22 tal-Kodici Kriminali. Meta l-appellant qabel ma' piena ta' seba' snin prigunerija huwa kien implicitament qieghed joqghod ukoll ghal dak li jghid l-imsemmi Artikolu 22, u ghalhekk issa ma jistax jilmenta li l-periodu ta' prigunerija ghandu jitnaqqas ulterjorment minhabba l-kundizzjonijiet tal-*bail* li kienu f'xi zmien vigenti.

**6.** Anqas ma hu fondat it-tielet aggravju. Il-konversjoni tal-multa, jekk ma tithallasx skond il-ligi – fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza jew entro xi zmien itwal li tistabilixxi l-Qorti – hi regolata bl-Artikoli 11(3) u 14(1) tal-Kodici Krminali. Din il-Qorti ma tarax li dan huwa kaz fejn ghandha tapplika rata ta' konversjoni differenti (u anqas) b'applikazzjoni tat-tielet *proviso* tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 14. Ghalhekk il-multa, jekk ma tithallasx fiz-zmien moghti mill-ewwel Qorti ghandha tigi konvertita f'sena prigunerija konformement ma' dak li jipprovdi l-*proviso* tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 11 imsemmi.

**7.** Fl-ahharnett, din il-Qorti ukoll ma tara ebda validita` fir-raba' aggravju <u>hlief ghar-rigward tal-ispejjez inkorsi mill-espert Dott. Vincent Galea</u>. Dan gie nominat mill-Qorti Istruttorja b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2003 "biex ifittex u jirrelata dwar l-assi tal-imputat". Din il-Qorti ma tarax kif dana l-inkarigu seta' f'dan il-kaz jincidi fuq il-htija tal-appellant, allura imputat. Ghalhekk huwa korrett l-appellant meta jilmenta li huwa ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez ta' dana l-espert. L-ispejjez peritali l-ohra kollha, pero`, li l-appellant gie kkundannat ihallas gew kollha inkorsi regolarment u kollha kienu potenzjalment jistghu jincidu fuq il-htija ta' l-istess appellant.

**8.** Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell fis-sens illi (**a**) thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn

l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta’ tmien snin prigunerija u multa ta’ tmint elef lira **u minflok tikkundannah ghall-piena ta’ seba’ (7) snin prigunerija u multa ta’ sebat elef lira (Lm7,000)**; (**b**) thassarha u tirrevokaha wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannatu jhallas is-somma ta’ sitt mija sebgha w erbghin lira u hamsa w erbghin centezmu (Lm647.45) rappresentati spejjez peritali, **u minflok tikkundanna lill-appellant ihallas in linea ta’ spejjez peritali s-somma ta’ mija w sebghin lira u tmienja w ghoxrin centezmu (Lm170.28)** (cioe` l-ispejjez peritali kollha barra dawk konnessi mad-deposizzjoni u r-rapport ta’ Dott. Vincent Galea); u (**c**) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluza dik li hija l-konversjoni tal-multa, b’dan pero` li r-Registratur ghandu jiehu konjizzjoni tan-nota ta’ l-Avukat Generali tat-3 ta’ April 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------